MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 315/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. K. Farrugia)**
**Vs**
**Luciano Grima**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 t'Awissu, 2007, ghall-habta ta' 17.30 hrs, f'B'Kara, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, ndahal fi hwejjeg haddiehor, billi fixkel lil ommu Maria Grima mill-pussess ta' hwejjigha cioe' mill-fond 337, Fleur De Lys, B'Kara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu multa ta’ tlett mitta Euro (€300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata biex tillibera lill-appellant mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji kollha tal-appellant partikolarment dak li m’hemmx prova li kien l-appellant li bidel ic-cavetta tal-bieb fejn kienet tirresjedi ommu sad-data tal-10 t’Awissu, 2007.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Emerenziana Agius u tal-istess Mary Grima, omm l-appellant.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda ta’ Emerenziana Agius, addetta tal-ufficju elettorali, jirrizulta inkonfutabbilment li kemm fir-Registru Elettorali t’April kif ukoll t’Ottubru, 2007, Mary Grima kienet registrata bhala li toqghod fil-post *de quo* w cioe’ 337, Fleur de Lys Road, Birkirkara. Irrizulta wkoll li mill-inqas kienet ilha toqghod hemm minn Marzu ta’ dik is-sena ghax dik tkun l-ahhar data, ossia l-“*cut off date*” biex persuna tidhol fir-registru elettorali. Mhux eskluz li kienet tghix hemm ferm qabel skond l-istess xhud Agius.

Illi mix-xhieda ta’ Mary Grima, omm l-appellant, jirrizulta li hija kienet toqghod hemm u minkejja l-fatt illi meta nxtara l-post hi kienet rat kif ghamlet biex il-post jinxtara fuq isem l-appellant, hi xorta kienet ghadha tirrisjedi hemm sal-10 t’Awissu, 2007. Dak inhar hija harget mal-mara ta’ hu l-appellant biex imorru l-iskola ta’ wahda mit-tfal u wara li

marru hemm umbaghad marret tiekol ghandhom. Meta rritornat fid-9.00 p.m., ippruvat iddahhal ic-cavetta w ma nnexilhix u ndunat li c-cavetta kienet giet mibdula.

Irrizulta wkoll illi Mary Grima ghandha kwistjoni mat-tifel taghha, l-appellant, li kien ilu jipprova johrogha minn hemm izda hi kienet qaltlu li ma tohrogx hlief bil-mewt.

Illi ghalkemm ma ngabet ebda prova diretta li dak inhar tal-10 t’Awissu, Mary Grima wara li harget mid-dar ghall-habta ta’ nofsinhar, kien l-appellant li bejn dak il-hin u d-9.00 ta’ filghaxija kien bidel ic-cavetta, l-provi ndizjarji kollha jippuntaw univokament lejn direzzjoni wahda w cioe’ li kien hu li, fl-isfond tal-kwistjoni li kellu m’ommu biex jizgumbraha mill-post, qabad u bidel is-serratura tal-bieb principali tal-fond.
Il-fatt li sal-lum baqa’ ma tahiex cavetta ohra, jkompli jsahhah din il-konkluzzjoni.

L-appellant, li xehed fl-Ewwel Istanza, ghazel li ma jixhidx f’din l-Istanza w din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti, hija altru milli sodisfatta li tirrizulta l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------